## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Ġunju 2015 – Levi Strauss vs UASI – L&O Hunting Group (101)

**(Kawża T-604/13)** ([1])

***["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali 101 — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti 501 — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]***

(2015/C 236/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Levi Strauss & Co. (New Castle, California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: inizjalment V. von Bomhard u J. Schmitt, sussegwentement V. von Bomhard, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: G. Schneider u M. Fischer, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* L&O Hunting Group GmbH (Isny im Allgäu, il-Ġermanja) (rappreżentanti: K. Kuck, K. Landes u G. Müllejans, avukati)

### Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tas-6 ta' Settembru 2013 (Każ R 1538/2012-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Levi Strauss & Co. u L&O Hunting Group GmbH.

### Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tas-6 ta' Settembru 2013 (Każ R 1538/2012-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Levi Strauss & Co. u L&O Hunting Group GmbH hija annullata.*

2) *L-UASI u L&O Hunting Group huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll l-ispejjeż ta' Levi Strauss & Co.*

([1]) ĠU C 24, 25.01.2014.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Ġunju 2015 – BP vs FRA

**(Kawża T-658/13 P)** ([1])

***("Appell — Servizz pubbliku — Membru tal-persunal bil-kuntratt — Persunal tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali — Nuqqas ta' tiġdid għal żmien indeterminat ta' kuntratt għal żmien determinat — Dritt għal smigħ — Assenjazzjoni mill-ġdidt f'dipartiment ieħor sal-iskadenza tal-kuntratt — Evalwazzjoni tal-punti ta' fatt — Żnaturament tal-provi — Obbligu ta' motivazzjoni)***

(2015/C 236/51)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellanti:* BP (Barcelone, Spanja) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

*Appellata:* Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) (rappreżentanti: M. Kjærum, aġent, assistit minn B. Wägenbaur, avukat)